MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2007

Numru. 686/2005

PULIZIJA
SPETTUR JESMOND J BORG
VS
JEFFREY PULLICINO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Jeffrey Pullicino, bin Renato u Elizabeth Smith, imwieled Sliema nhar is-27 ta’ Novembru 1963, u residenti The Orchards, Ta’ Xindi l/o Zebbug, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 634563(M), u akkuzat talli nhar it-18 ta’ Dicembru 2004, ghal habta tas-6.00pm, gewwa l-fond The Orchards, Ta’ Xindi, Zebbug, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe’ propjeta’ ta’ Dr Maria Angela sive Marlene Pullicino, mobbli jew immobbli, u kkaguna hsara fl-ammont ta’ aktar minn hamsin Lira Maltin (Lm50), imma inqas minn hames mitt Lira Maltin (Lm500), u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 325(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' kundanna, tapplika l-provvedimenti li hemm fl-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 2) u tal-imputat (a fol 6) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.
Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi l-Qorti rat u ezaminat il-ftehim li ntlahaq bejn il-partijiet fuq materji varji u ancillari u giet infurmata illi tali ftehim gie karonizzat quddiem il-Qorti tal-Familja.

Peress illi l-parte civile, cioe' Marlene Pullicino, irrinunzjat ghall-azzjoni kriminali u ma xtaqitx tixhed kontra zewggha sabiex ma tinkriminax ruhha, din il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati skond l-akkuza u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------